# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru ħmistax (15) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis 7 ta' Lulju, 2011, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Deputat Segretarju Eżekuttiv |
| | Francis Callus | Skużat |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**Punti mill-Minuti**

3. Il-kunsilliera għandhom ideja min bajad linja safra f'triq il-Kenn u qablu li għamel ħażin. Jixtiequ spjegazzjoni mingħand il-persuna iżda ma jistgħu ipuntaw subajhom lejn ħadd qabel ma jistqarr dan il-persuna. Il-kunsilliera Eddie Bonello u Jerome Busuttil jixtiequ jafu għaliex għamel hekk mingħajr ma kiteb lill-Kunsill, u jemmnu li tilef ir-raġun li ħass li kellu, meta qabad u ħa l-liġi f'idejh.

4. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku qalu li ltaqaw max-xuffier tal-kowċ tal-KopTaCo li jipparkja f'Triq il-Ħajt Ruman u hu qal ir-raġunijiet il-għala jipparkja hemmhekk. Il-kunsilliera qalu li għall-ebda raġuni ma jista jipparkja hemm, għax jieħu postijiet ta' karozzi oħrajn.

5. Il-kunsilliera ikkonfermaw li tal-bulky refuse għandu jiġi jiġbor kull nhar ta' Ħamis issa.

6. Is-Sindku qal li irċieva mingħand SRT fejn qalu li huma lesti jagħtu s-servizz tal-ħaddiema tagħhom għax-xogħol madwar ir-raħal. Il-kunsilliera jixtiequ jużaw dawn is-servizzi biex jirranġaw il-kaxxa tat-telefon ta' fejn l-għasa, il-bieb ta' Ġnien ta' Ball, biex jirranġaw il-bankijiet madwar ir-raħal, biex jiżbgħu l-bankijiet fejn hemm bżonn, u biex jirranġaw il-pompa tal-ilma ta' Misraħ San Ġużepp.

7. Is-Sindku jixtieq li dak li jiġi jiknes ir-raħal jibda jiġbor u jaqta l-ħaxix, iżda jifhem li hu ma jistax ilaħħaq ma kollox. B'hekk jemmen li s-sur Cedric Valletta, il-kuntrattur, għandu jsib xi ħadd ieħor biex jagħmel dan ix-xogħol peress li fil-kuntratt hemm miktub li dan ix-xogħol għandu jsir.

8. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal li kellem mal-inġinier għal parir dwar il-units tal-PV u l-parir kien biex inbiegħu l-units kollha.

**Korrispondenza**

9. MEPA m'aċċettawx il-proposti għall-proġetti li l-Kunsill jixtieq jagħmel bix-shelters u Ġnien ta'Ball. Il-kunsilliera jixtiequ jiltaqaw mal-perit fil-laqgħa li jmiss.

10. Il-Kunsill Lokali ta' Żurrieq qalu li mhux se jieħdu l-kelma tad-dipartament dwar il-konfini, iżda se jikkomunikaw mal-Awtorita Elettorali. Il-kunsilliera jemmnu li qegħdin imorru kontra l-ftehim li kellna magħhom u mad-dipartament u esprimew il-frustrazzjonijiet tagħhom li qegħdin inkomplu jtawlu għal xejn rigward is-sitwazzjoni.

11. Is-sinjura Deborah Pace mid-Dipartament tal-Gvern Lokali bagħtet formola biex nimlew dwar kif saħħaħna l-aċċess għan-nies b'diżabilita madwar il-laqgħa.

12. Il-NSO [National Statistics Office] bagħtu email b'rikwest għal informazzjoni għaċ-ċensiment li se jagħmlu. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għandu jinfurmhom biex jiġu jiltaqaw mas-Sindku u mas-segretarju fil-ġranet li ġejjin.

**Ħwejjeġ oħra**

13. Twaqqfet il-laqgħa għas-6.10pm għax wasal il-kuntrattur tal-knis, Cedric Valletta, biex jidiskuti s-sitwazzjoni tal-ħaxix madwar ir-raħal mal-kunsilliera.

14. Is-Sindku qal li hu bl-opinjoni li dak li jiġi jiknes it-toroq tar-raħal ma jlaħaqx ineħħi l-ħaxix ukoll [ref pt.7]. Qal ukoll li ma jixtieqx juża l-ħaddiema tal-Kunsill biex jagħmlu dan ix-xogħol għax għandu iżjed xogħol x'jagħtihom, u b'hekk jixtieq li s-sur Valletta jonora l-ftehim fil-kuntratt li għandu jsib persuna biex jagħmel dan ix-xogħol.

15. Is-sur Cedric Valletta qal li jaqbel ma dan il-punt u xtaq lista tat-toroq li l-kunsilliera jemmnu li għandhom bżonn iżjed attenzjoni biex jaħdmu fuqhom. Is-sur Abdilla qal li dan mhux soluzzjoni għal problema li għandna.

16. Is-sur Valletta u l-kunsilliera qablu li dak li jiġi jiknes ir-raħal jibda jiġi wkoll darba fil-ġimgħa biex ineħi l-ħaxix wara x-xogħol tiegħu filgħodu. Is-sur Valletta qal ukoll li jekk nixtiequ naħdmu fuq ċerti toroq nistgħu ninfurmaħ biex jagħti prijorita lilhom. Is-sur Valletta għandu jibgħat email kull ġimgħa bit-toroq fejn ikunu se jaħdmu matul dik il-ġimgħa.

17. Is-sur Valletta offra li qabel il-festa l-ħaddiem tiegħu jiffoka fuq areas partikolari li jixtiequ l-Kunsill.

18. Intemmet id-diskussjoni mas-sur Valletta wara qbil fuq kif se jsir ix-xogħol u fis-6.35 tkompla l-laqgħa.

19. Is-Sindku informa l-laqgħa li bdew ineħu l-istrutura fejn kienu jinżamu l-immigranti llegali f’triq il-Karwija.

20. Il-kunsilliera qablu li s-sur Omar Schembri jibda ‘Writing club’ fix-xitwa iżda jixtiequ jkunu jafu kemm se jkun il-ħlas tall-għalliema.

21. Il-kunsillier Eddie Bonello ippropona li għandna jkolna xi forma ta’ memento tal-Kunsill.

22. Il-kunsilliera qablu wkoll li jagħtu xi ħaġa lil Kappillan għas-servizzi tiegħu matul il-festa.

23. Is-sur Publius Abdilla qal li għandna nibdew naħdmu fuq is-Safi Heritage Trail u li għandu jkun lest s’Ottubru.

24. Sal-laqgħa li jmiss il-Kunsill irid jibda jaħseb għal festa.

25. Il-kunsilliera approvaw il-Payment Approval Sheets nos 14.

26. Il-laqgħa intemmet fit-8.30pm, iżda l-kontenuti tal-aġenda ma kinux diskussi kollha. Dawn se jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss.

27. Il-laqgħa li jmiss se tkun fid-19 ta’ Lulju 2011.

Approvati llum 19/07/2011

Sindku

Deputat Segretarju Eżekuttiv